Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0311(COD)

3.2.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011 u (UE) Nru 473/2013 fir-rigward tal-allinjament mal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE u tas-simplifikazzjoni ulterjuri ta' dak il-qafas
(COM(2025)0591 – C10-0227/2025 – 2025/0311(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteurs: Markus Ferber, Carla Tavares

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011 u (UE) Nru 473/2013 fir-rigward tal-allinjament mal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE u tas-simplifikazzjoni ulterjuri ta' dak il-qafas (COM(2025)0591 – C10-0227/2025 – 2025/0311(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0591),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0227/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Novembru 2025[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 7

[1] ĠU C, C/2025/6772, 23.12.2025. ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025AB0037

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 1173/2011 jippermetti djalogu ekonomiku bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fuq l-istedina tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, biex jiġu diskussi d-deċiżjonijiet meħuda b'rabta mal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli fiskali tal-Unjoni. ***Dak id-djalogu jista' jkun parti mid-djalogu ekonomiku stabbilit fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2024/1263.***	(7) ***Sabiex jitjieb id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u sabiex ikunu żgurati trasparenza u responsabbiltà akbar,ir-Regolament*** (UE) Nru 1173/2011 jippermetti djalogu ekonomiku bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fuq l-istedina tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, biex jiġu diskussi d-deċiżjonijiet meħuda b'rabta mal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli fiskali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex jiżdiedu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u s-sjieda għad-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 473/2013, jista' jsir djalogu ekonomiku bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-ispeċifikazzjoni tal-kontenut tad-DBPs, ir-riżultati tad-diskussjoni tal-Grupp tal-Euro dwar l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar id-DBP sa fejn dawn ikunu saru pubbliċi, u l-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni u tal-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro kollha kemm hi. ***Sabiex jiġi ssimplifikat id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex tkun tista' ssir sorveljanza fiskali aktar integrata, dan id-djalogu ekonomiku jista' jiġi integrat mad-djalogu ekonomiku stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2024/1263.***	(27) Sabiex jiżdiedu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u s-sjieda għad-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 473/2013, jista' jsir djalogu ekonomiku bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-ispeċifikazzjoni tal-kontenut tad-DBPs, ir-riżultati tad-diskussjoni tal-Grupp tal-Euro dwar l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar id-DBP sa fejn dawn ikunu saru pubbliċi, u l-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni u tal-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro kollha kemm hi.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 1173/2011
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rieżami	Rieżami ***u rapporti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a – punt ii
Regolament (UE) Nru 473/2013
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jitħassar il-punt (d);	***imħassar***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a – punt iia (ġdid)
Regolament (UE) Nru 473/2013
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(iia) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(d) ***atti*** tal-Kunsill ***msemmija fl-Artikolu 9(4) u fl-Artikolu 12(3)***.	***"***(d) ***rakkomandazzjonijiet*** tal-Kunsill ***ippubblikati skont l-Artikolu 126(8) tat-TFUE.";***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b
Regolament (UE) Nru 473/2013
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jitħassar il-punt 2;	***imħassar***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 473/2013
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:
2. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat li jkun is-suġġett ***ta' rakkomandazzjoni*** tal-Kummissjoni ***skont l-Artikolu 11(2) jew b''atti tal-Kunsill imsemmija*** fil-paragrafu (d) li jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet.	***'***2. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat li jkun is-suġġett ***tal-atti*** tal-Kummissjoni ***msemmija*** fil-paragrafu ***1***(d) li jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet.***'***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni mill-ġdid tad-"djalogu ekonomiku" (l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013) għandha l-għan li żżomm ir-rwol tal-Parlament.